**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 27 ta' Gunju, 2019**

**Rikors nru: 1/18 AGV**

AB

Vs

CD f'isimiha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri bintha ED; Direttur tar-Registru Pubbliku

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fl-4 ta' Jannar, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti qieghed jipprezenta dina l-kawza a tenur tal-Artiklu 86 tal-Kodici Civili.

2. Illi l-esponent kellu relazzjoni mal-intimata CD u minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri ED fis-17 ta' Dicembru, 2014.

3. Illi fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri ED (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok.A) li ghandu n-numru progressiv 6203/2014, il-minuri giet registrata bhala bint missier mhux maghruf ("unknown father").

4. Illi pero' kemm l-esponent, kemm l-intimata u kif ukoll il-familjari rispettivi taghhom jafu illi l-missier naturali tal-minuri ED huwa l-esponent.

5. Illi l-esponent qieghed jintavola dawn il-proceduri sabiex jaghraf lill-minuri ED bhala bintu.

6. Illi, kif rikjest bil-ligi, l-esponent baghat ittra ufficjali numru 120/17 (kopja hawn anness bhala Dok. B) lill-intimata li permezz taghha talabha tipprezenta nota fl-atti tal-imsemmija ittra ufficjali fejn tiddikjara illi hija taqbel mar-registrazzjoni ta' dan it-taghrif tal-minuri da parti tal-esponent fl-atti civili tal-imsemmija minuri ED, izda minkejja li giet debitament notifikata, l-intimata naqset milli tipprezenta tali nota entro t-terminu ta' xahrejn u ghalhekk l-esponent kellu jipprocedi b'din il-kawza.

7. Illi l-imsemmija minuri issa ilha xhur shah tirrisjedi mal-esponent li jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha tal-istess minuri minghajr ebda ghajnuna jew assistenza da parti tal-intimata (liema ghajnuna mhijiex lanqas rikjesta) u ghalhekk huwa ta' importanza vitali illi tigi konkluza din il-procedura fl-iqsar zmien possibbli ghall-gid u fl-interess tal-istess minuri.

8. Illi l-esponent jaf personalment bil-fatti kollha ddikjarati f'dan ir-rikors guramentat.

Ighidu ghalhekk l-intimati ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

(i) prevja kwalsiasi ordni u/jew provvediment li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti, inkluz in-nomina ta' espert/i forensi sabiex jikkonducu test/ijiet biex jistabilixxu l-paternita' biologika tal-minuri ED kif ukoll prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddeciedi u tiddikjara illi l-esponent huwa l-missier bijologiku /naturali tal-minuri ED illi twieldet fis-17 ta' Dicembru, 2014.

(ii) Konsegwentement, tawtorizza t-taghrif tal-minuri ED da parti tal-esponent bhala missierha u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri ED illi jgib in-numru progressiv 6203/2015 fil-kolonna fejn hemm indikat "missier it-tarbija" u li fil-prezent jindika "Unknown father|" jigi mhassar il-kliem "unknown father" u minflok jigu inseriti isem, kunjom u l-konnotati tar-rikorrenti u cioe' ismu u kunjomu – "AB," in-numru tal-karta ta' identita' tieghu u cioe' 26084 (M), l-eta' tar-rikorrent meta twieldet il-minuri ED u cioe' tletin (30) sena , il-post tat-twelid tar-rikorrent u cioe' Pieta', Malta, il-post tar-residenza tar-rikorrent meta twieldet il-minuri ED u cioe' 22, Triq San Giljan, Birkirkara, isem u kunjom missier ir-rikorrent u cioe' AB u jigi indikat ukoll illi missier ir-rikorrent AB kien haj meta twieldet il-minuri ED, liema korrezzjonijiet u konnotati ghandhom jigi inseriti ukoll f'att iehor relattiv u sussegwenti; u

(iii) Tordna illi l-kunjom tal-minuri ED fic-certifikat tat-twelid taghha bin-numru progressive 6203/2015 u fuq kull att iehor relattiv u sussegwenti ghandu jkun il-kunjom tar-rikorrent, u cioe' "B

Bl-ispejjez kontra l-intimata CD u l-intimati kollha huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa illi:-

1.Illi preliminarjament, huwa essenzjali ghall-integrita' tal-gudizzju li r-rikorrenti jitlob ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-korrezzjoni fi premessa numru 3 u fit-talba enumerata (ii) u (iii), fejn gie ddikjarat illi l-Att tat-Twelid tal-minuri ED ghandu "n-numru progressiv ta' 6203/2015," sabiex dan minflok jigi jaqra "n-numru progressive ta' 6203/2014," u dan stante li l-ahhar numru huwa dak li jappartjeni lill-istess minuri fl-Att tat-Twelid.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tistqarr li hi mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat.

3. Illi stante s-suespost, f'dan l-istadju l-esponenti tirrimetti ruhha ghar-rizultanzi istruttorji u umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkoncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jigi vverfikat jekk l-attur huwiex verament il-missier naturali tal-minuri ED.

4. Illi bla hsara ghas-suespost, f'kaz li jintlaqaw it-talbiet dedotti tar-rikorrenti minn dina l-Onorabbli Qorti, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-

esponent u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjes tal-kawza istanti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta ta' CD et. li eccepit:-

1.Illi preliminarjament l-proceduri huma nulli stante li l-minuri kellu jigi citat f'ismu proprju u mbaghad issir talba sabiex jigu mahtura kuraturi in rapprezentanza tieghu.

2. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, it-talbiet attrici qed jigu kkontestati u l-esponenti titlob li jsir it-test tad-DNA.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Rat id-digriet** tal-21 ta' Frar, 2018 li biha giet awtorizzata l-korrezzjoni fin-numru tac-certifikat tat-twelid u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku giet sorvolata.

**Rat ir-Rapport** tal-Agenzija Appogg datat 2 ta' Mejju, 2018[1].

[1] Ara fol.102 tal-process

**Rat ir-Rapport** tal-Avukat tat-Tfal Dr. Mary Muscat datat 7 ta' Novembru, 2018.

**Rat ir-Rapport** tal-Agenzija Appogg datat 4 ta' April, 2019.

**Rat li b'digriet** tat-8 ta' Mejju, 2018 giet nominata Dr. Marisa Cassar biex taghmel it-testijiet tad-demm.

**Rat ix-xhieda** tal-attur  u tal-konvenut datat 8 ta' Mejju, 2018.

**Rat ir-Rapport tad-DNA** ta' Dr. Marisa Cassar li kkonfermat li kienet gabret il-kapjuni orali tal-konvenuta, tal-minuri ED u tal-attur sabiex ikunu jistghu jsiru t-testijiet tad-DNA. Ikkonfermat li mit-testijiet li ghamlet irrizulta li l-attur huwa l-missier naturali ta' ED. Dan ir-rizultat jinsab iddikjarat fir-rapport PT 1801204 li ffirmat il-konvenuta.[2]

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>ECCEZZJONI PRELIMINARI</u>**

Il-konvenuta qed tecepixxi li l-kawza hija nulla stante li kellha ssir kontra l-minuri f'isimha u sussegwentement titlob in-nomina ta' kuraturi biex jirrapprezentawha. L-Artikolu 86 jikkontempla li l-ewwel ghandha tintbaghat ittra ufficjali lill-omm il-minuri u l-minuri jekk ikun tal-eta', li mhux il-kaz odjern. Fin-nuqqas, il-persuna li tippretendi li hija l-missier naturali tal-minuri

---
[2] Ara Dok. Z1 – Z2

ghandu jiftah kawza biex jikkonferma l-pretensjoni tieghu kontra l-istess persuni li kontrihom ikun baghat l-ittra ufficjali. F'dan il-kaz hija l-konvenuta u l-minuri mhuwiex ta' l-eta' u ghaldaqstant l-ebda kawza ma tista' titmexxa kontrih. Ciononostante, il-ligi ma tikkontemplax il-htiega li jigu nominati kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri u ghalhekk peress li l-minuri huwa ddikjarat fic-certifikat tat-twelid bhala wild ta' "missier mhux maghruf" huwa naturali li l-attur se jiftah kawza kontra l-omm bhala kuratrici tal-minuri bintha ED ukoll gialadarba ghandha l-kura u kustodja taghha. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

**MERTU**

Il-Qorti tirriferi ghall-Artikolu 86 tal-Kodici Civili, li huwa l-Artikolu applikabbli ghall-kaz odjern, stante li l-minuri hija mnissla jew imwielda barra miz-zwieg. L-istess artikolu jipprefiggi l-mekkanizmu adoperabbli meta missier ikun jixtieq jirrikonoxxi wild imwieled lilu barra miz-zwieg. Dan l-artikolu jistipula s-segwenti:-

> ***"It-tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg jista' jigi maghruf mill-missier u mill-omm……***
> ***Izda ukoll it-taghrif ta' tifel imwieled barra miz-zwieg minn persuna li tghid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jigix registrat kemm il-darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta taghha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun lahaq l-eta', ma jkunux gew notifikati b'ittra ufficjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm iddikjarat li dik il-persuna tkun bi hsiebha tapplika ghar-registrazzjoni ta' dak it-taghrif u l-omm, jew il-werrieta taghha***

***skond il-kaz, u t-tifel, ma jkunux fi zmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota prezentata fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali, qablu li ssir dik ir-registrazzjoni, f'liema kaz dik l-ittra ufficjali u n-nota li turi l-qbil ghandhom jigu notifikati lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandu jghaddi biex jirregistra l-imsemmi taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi:***

***Izda meta l-omm jew it-tifel li jkollu eta' ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-registrazzjoni jew jibqghu ma jwegbux fiz-zmien xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-Qorti tiddikjara li min jaghmel it-taghrif ikun missier it-tifel u tordna r-registrazzjoni ta' dak it-taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi."***

Fil-kaz odjern, l-attur ipprezenta l-ittra ufficjali mehtiega ai termini tal-Artikolu 86, izda l-konvenuta naqset li tirrispondi permezz ta' nota entro il-termine ta' xahrejn biex tikkonferma dak iddikjarat fl-ittra ufficjali tal-attur. Ghalhekk, l-attur ma kienx fadallu ghazla, ghajr li jipprocedi b'rikors ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' tal-minuri ED, li sal-lum ghadha ddikjarata bhala tarbija ta' "missier mhux maghruf."

Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-aqwa prova f'kawzi bhal dawn huma t-testijiet genetici, debitament mahlufa. Dr. Marisa Cassar effettivament ikkonfermat li l-minuri hija bint l-attrici. It-test xjentifiku hekk ikkonfermat bil-gurament, jelimina kull dubbju dwar paternita' tal-minuri. Ghaldaqstant, il-provi migjuba quddiem dina l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri ED. Ghalhekk, il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raguni ghalfejn m'ghandhiex tilqa' t-talbiet attrici.

Rat illi d-dettalji tal-attur, ai fini tar-registrazzjoni tieghu fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri li jgib in-numru progressiv 6203/201 huma s-segwenti:-

1) Isem u kunjom - AB
2) Karta ta' identita'- 26084M
3) L-eta' tal-attur meta twieldet il-minuri – 30 sena
4) Post tat-twelid tar-rikorrent – Pieta', Malta
5) Il-post tar-residenza tal-attur meta twieldet il-minuri -22, Triq San Giljan, B'kara
6) Isem u kunjom missier l-attur – AB
7) Jekk il-missier pattern kienx haj jew mejjet meta twieled il-minuri – haj

**<u>Dwar il-Kunjom tal-Minuri</u>**

L-attur qed jitlob sabiex il-minuri ED tiehu kunjomu u cioe' "B" ai termini tal-Artikolu 92 (6) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta li m'hemmx opposizzjoni u ghalhekk dina t-talba ghandha tigi milqugha.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, u ghalhekk:

(i) Tiddeciedi u tiddikjara illi l-attur huwa l-missier bijologiku /naturali tal-minuri ED illi twieldet fis-17 ta' Dicembru, 2014.

(ii) Tawtorizza t-taghrif tal-minuri ED da parti tal-esponent bhala missierha u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri ED illi jgib in-numru progressiv 6203/2015 fil-kolonna fejn hemm indikat "missier it-tarbija" u li fil-

prezent jindika “Unknown father|” jigi mhassar il-kliem “unknown father” u minflok jigu inseriti isem, kunjom u l-konnotati tar-rikorrenti u cioe’ ismu u kunjomu – “AB,” in-numru tal-karta ta’ identita’ tieghu u cioe’ 26084 (M), l-eta’ tar-rikorrent meta twieldet il-minuri ED u cioe’ tletin (30) sena , il-post tat-twelid tar-rikorrent u cioe’ Pieta’, Malta, il-post tar-residenza tar-rikorrent meta twieldet il-minuri ED u cioe’ 22, Triq San Giljan, Birkirkara, isem u kunjom missier ir-rikorrent u cioe’ AB u jigi indikat ukoll illi missier ir-rikorrent AB kien haj meta twieldet il-minuri ED liema korrezzjonijiet u konnotati ghandhom jigi inseriti ukoll f’att iehor relattiv u sussegwenti;

(iii) Tordna illi l-kunjom tal-minuri ED fic-certifikat tat-twelid taghha bin-numru progressive 6203/2015 u fuq kull att iehor relattiv u sussegwenti ghandu jkun il-kunjom tar-rikorrent, u cioe’ “B.”

L-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn l-attur u l-konvenuta CD.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**